MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1209/1995/1

**Francis P. Ebejer ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fogg Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta` estera assikuratrici Avon Insurance Plc u kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tieghu Joseph Xuereb u l-istess Joseph Xuereb**

**vs**

**Anthony Gusman**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine et* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit—l2 ta' Settembru 1993, gewwa n—Naxxar waqt li l-vettura numru ta' Registrazzjoni numru V—3428(M), proprjeta` ta' l—attur Joseph Xuereb *nomine* u

assikurata b'polza 'comprehensive' ma' l-attur l—iehor Francis P. Ebejer *nomine* kienet qed tigi misjuqa minn Rudolph Xuereb, din kienet involuta f'incident stradali mal—vettura V—4906(M) misjuqa mill—konvenut u bhala konsegwenza ta' dina l—habta, l-vettura V—3428(M) soffriet danni ngenti kif jigi spjegat waqt it—trattazzjoni tal—kawza;

Premess illi ghal dan l—incident stradali kien jahti unikament il—konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar—regolamenti tat—traffiku;

Premess illi l-konvenut interpellat ihallas lill—attur Francis P. Ebejer *nomine* s—somma ta' elf seba' mija u tmienja u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm1726.32c) rapprezentanti l—ammont sburzat mill—attur Francis P. Ebejer *nomine* favur l—assikurat tieghu in forza tal—polza tat—tip comprehensive u is—somma ta' mitt lira (Lml00) danni subiti mill—attur Joseph Xuereb *nomine* in segwitu ghall—incident imsemmi, il—konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghar—ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attur *nomine et* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li kien l-istess konvenut unikament responsabbli ghall—incident stradali fuq imsemmi;

2. Tillikwida d—danni sofferti mill—attur Francis P. Ebejer *nomine* fis—somma ta' Lm1728.32c u dawk sofferti mill—attur Joseph Xuereb *nomine* s—somma ta' Lm100 jew f'kull somma ohra verjuri li dina l—Qorti jidhrilha li ghandha tillikwida jekk ikun il-kaz bl—opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill—konvenut ihallas lill—atturi in linea ta' danni s—somma fuq indikata jew kull somma ohra verjuri li dina l—Qorti tillikwida jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-13 ta' Settembru u tal-11 ta' Novembru 1994 kontra l-konvenut, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni peress li ghalkemm l-atturi avvanzaw azzjoni kollettiva ma gietxipprezentata u mahlufa dikjarazzjoni tal-fatti ghal kull attur kif rikjest mill-ligi;

2. Illi in linea preliminari wkoll, in-nullita tas-surroga stante li din ma gietx esegwita mill-assigurat attwali ta' l-attur Francis Ebejer *nomine*;

3. Illi subordinatament fil-meritu, it-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident in kwistjoni l-esponent ma kellu l-ebda responsabilita;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Frar 1995 li permezz tieghu giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens li kellhom jigu kkancellati l-kliem ghan-nom u ghar-rapprezentanza tas-socjeta` Development Limited;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 1997 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Simon Micallef Stafrace bhala espert legali biex jfittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-

eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol. 84 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar 2002;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza, flimkien ma' ohra fl-ismijiet inversi tikkoncerna kollizjoni li grat Hal Lija hekk kif thalli c-Cimiterju ta' Hal Lija fid-direzzjoni ta' Birkirkara u proprju fil-punt fejn illum twahhlu *traffic lights* u biswit ix-*showroom* ta' Hal Mann;

Illi l-konvenut f'din il-kawza kien qieghed niezel fid-direzzjoni ta' Birkirkara u kien sejjer jilwi fuq il-lemin tieghu ghal go Triq Sir Ugo Mifsud.  L-attur jispjega illi f'dak il-punt "quddiemi kien zewg vetturi mixjin bil-mod u meta rajt li ma kien gej l-ebda traffiku minn quddiemi, ghamilt sinjali li ser naqbez, rajt ukoll li ma kienx gej traffiku minn warajja u li allura stajt naqbez minghajr ma nfixkel l-ebda traffiku iehor u bdejt naghmel il-manuvra ta' sorpass.  Kif kont qbizt l-ewwel vettura ta' quddiemi wasalt biex ser nibda naqbez l-ohra, din ta' l-ahhar f'daqqa wahda minghajr ma ghamlet l-ebda sinjal daret hesrem lejn il-lemin tieghi bil-konsegwenza li saret il-habta."  L-istess attur aktar 'il quddiem jispjega illi huwa kien ghaddej bi *speed* ta' ghoxrin jew hamsa u ghoxrin mil fis-siegha izda meta ddecieda li jaghmel dik il-manuvra ta' sorpass tella' velocita` ta' hamsa u tletin mil fis-siegha;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jaqbel ma' din il-verzjoni pero` jghid illi huwa fil-mument tal-habta kien wieqaf ghalkemm l-intenzjoni tieghu kienet li jidhol f'Sir Ugo Mifsud Street;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm kien hemm xhud okkulari li kien qieghed proprju isegwi lill-kontendenti dak il-hin ta' l-incident dana ma giex imharrek la minn parti u lanqas minn ohra; dan qieghed jinghad peress illi hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi dwar l-istess meritu u ghalhekk iz-zewg partijiet kellhom interess u anki l-obbligu li jressqu lil dan ix-xhud li kien sahansitra indikat b'ismu u l-indirizz proprju fir-rapport tal-pulizija li jinsab ukoll esebit fil-process; kieku dan ix-xhud ta l-verzjoni tieghu l-Qorti kienet tkun f'posizzjoni ahjar biex tistabbilixxi l-angolazzjoni tal-konvenut;

Illi b'danakollu l-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fuq ir-rizultanzi quddiemha u dawn l-ewwelnett jindikaw li l-attur kien ghaddej b'velocita` li certament ma kienetx adatta ghal dik il-lokalita` - hamsa u tletin mil fis-siegha f'zona residenzjali u arterja principali bhal ma hi dik hija velocita` eccessiva;

Illi jrid jigi rilevat illi zmien wara li sar dan l-incident l-awtoritajiet ghamlu *centre strip* biex jevitaw li karozzi jaqbzu minn naha tat-triq ghall-ohra u ghamlu anki *traffic lights*. Illi kif gie ukoll rilevat mill-abbli relatur l-attur qabez mhux karozza wahda imma tnejn u meta wiehed jikkonsidra id-distanzi illi trid tghaddi minn meta tibda tissorpassa wahda u meta tispicca tissorpassa t-tieni wahda, certament illi kien ikun avvicina hafna lil liwja illi hemm ftit aktar il quddiem mill-post tal-habta;

Illi l-Qorti tifhem li billi wiehed ikun fuq quddiem u jindika li jkun ser jikser fuq il-lemin, ma jfissirx li ghandu dejjem ragun u dan il-principju gie ripetutament enunzjat mill-Qrati taghna; dan il-principju ma jistax jittiehed in vacuum imma irid jigi applikat ghac-cirkostanzi specifici ta' l-incident in ezami;

Illi anki l-bosta kwotazzjonijiet ta' awtoritajiet esteri citati, spiss jikkonsidraw traffiku li jkun f'toroq pjuttost wisghin (mhux bhal dawk ta' Hal Lija) u li jkunu ta' karreggjata doppja. Huwa f'dan l-isfond li r-regolamenti jitolbu sewwieq li jkun se jikser lejn il-lemin, li jhares fil-mera biex

jara t-traffiku ta' warajh.  Fil-kaz in ezami, anki jekk Guzman hares fil-mera kien jara l-karozza li kienet qed issegwih u mhux lil Xuereb li kien gej imharrek minn wara din it-tielet vettura;

Is-sewwieq li jkun ser jikser lejn il-lemin ghandu jati sinjal adegwat ta' l-intenzjoni tieghu u dan is-sinjal ovvjament jinkludi tnaqqis tal-velocita`, liema tnaqqis ghandu jservi ta' monitu ghal min ikun warajh biex joqghod aktar attent;

Illi huwa biss fejn hemm jew jista jkun hemm karreggjata doppja li johrog car l-obbligu imsemmi; ghaliex jekk wiehed ikun qed isuq max-xellug tan-nofs tat-triq normali tieghu, u jrid idur lejn il-lemin, u naqqas jew waqaf (biss biex jistenna traffiku minn naha opposta) qabel jaqsam il-linja medjana biex jidhol fi triq mal-lemin tieghu, ma jistax ikun responsabbli ghax xi hadd minn warajh iddecieda li jissorpassa u johrog fuq in-naha l-hazina tat-triq u jibqa' diehel fih;

Illi l-fatt li tara l-vettura ta' quddiemek tisposta ruhha minn max-xellug taghha kif tenuta mir-regolamenti u tersaq lejn il-linja medjana, ghandha sservi ta’ twissija sufficjenti biex ta' wara joqghod attent;

Illi s-sewqan ta' l-assigurat ta' l-attur jirrizulta b'mod lampanti li kien ghal kollox perikoluz anke meta wiehed jikkonsidra illi t-triq li kien ser jidhol minnha l-konvenut kienet it-triq principali biex wiehed jidhol ghal gewwa Hal Lija;

Illi skond is-surgent tal-pulizija l-isketch esebit go dawn l-atti sar *to scale* u minn dan jidher li Xuereb huwa u jaghmel din il-manuvra qabez ampjament nofs it-triq u dan jindika li l-konvenut kien qieghed ghan-nofs tat-triq u dan certament messu indika lil Xuereb li l-konvenut kien qed isuq bil-mod proprju ghaliex kien se jidhol gewwa Hal Lija;

Illi anki f'sitwazjonijiet u f'lokalitajiet ferm aktar kalmi, kull min ikun sejjer jaghmel manuvra ta' sorpass irid ikun persawz illi ma kien hemm l-ebda possibilita` li fil-kors normali tat-traffiku xi sewwieq iehor kien ser jostakolalu l-

kompletament tal-manuvra; imma fil-lokalita` in kwistjoni dan il-principju huwa kwazi superflu peress li l-Qorti tifhem li l-manuvra ta' Xuereb kienet kwazi sperikolata, meta wiehed jikkonsidra li oltre l-manuvra li ghamillu l-konvenut, anke kieku irnexxielu jaqbzu huwa kien qieghed fin-naha l-hazina tat-triq meta ftit metri aktar il quddiem kienet gejja liwja traffikuza hafna;

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti hi tal-fehma li l-htija ta' l-incident *de quo* kien proprju Randolph Xuereb esklusivament.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad l-ewwel domanda u konsegwentement tichad ukoll it-tieni u t-tielet domandi kif dedotti fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-attur *nomine et*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur